**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Duranovic Coreschi**

**Illum 27 ta' Lulju, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Duranovic Coreschi ta' 30 sena bin Anthony u Ruth nee' Agius imwieled Pieta' fl-10 ta' Awwissu 1984 u joqghod numru 5, Triq Birzebbugia detentur tal-karta tal-identita' numru 383484M:

Talli fis-17 ta' Marzu 2015 ghall-habta tas-1pm u hinijiet wara mill-fond St James Confectionery li jinsab fi Triq Velleran Fgura ikkommetta serq ta' ram u/jew oggetti ohra liema serq hu aggravate bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disa' u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2329.37) ghad-detriment ta' James Barbara u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi f'dawn il-gzejjer xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod biehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liena oggetti u/jew affarijiet ohra proprjeta' ta' James Barbara u/jew persuni ohra.

B'hekk irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni tieghu u l-fedina penali tieghu.

Illi mix-xhieda ta' Anthony Falzon irrizulta li billi l-imputat kien dak iz-zmien tat-twettiq tar-reat jahdem mieghu inzammlu l-ammont ta' €445 mill-paga dovuta lilha minhabba dak li gara. Il-valur ta' l-oggett misruq huwa ta' €1356.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(d), 263, 267, 268(d), 278(3) 334(a), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin millum u dan bil-kundizzjonijiet elenkati skont l-ordni moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Inoltre' tordna lill-istess hati jhallas l-ammont ta' disa' mija u hdax-il Ewro (€911) lil James Barbara li ghandhom jithallsu fi zmien sena b'rati mensili.

Il-Qorti spjegat lill-hati il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat